MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 96/2011

**Rita Gauci (ID 16326G); Carmela Formosa (ID 35027G) f' isimha proprju u f' isem huha l-imsiefer Felix Formosa; Carmela Micallef (ID 9736G) f'isimha proprju u f'isem hutha Gregory Formosa u Michael Angelo Formosa, George Formosa (ID 58837G) u b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2014 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Gregory Formosa, Edwin Formosa, Joanne mart Anthony Sultana u George Formosa, ilkoll ahwa Formosa stante l-mewt ta' George Formosa fil-mori tal-kawza; Nutar Dottor Paul George Pisani (ID 448464M); Joseph Formosa (ID 61157G); Gregory Formosa (ID 45933G); Martin Formosa (ID 39463G); Raymond Formosa (ID 42960G); Maria Cassar (ID 31759G); Carmen Mercieca (ID 22670G); Georgina Spiteri (ID 15265G); Marianna Formosa (ID 39238G) f'isimha proprju u f' isem bintha l-imsiefra Salvina Spiteri; Josette Sammut (ID 385163M); Salvina Formosa (ID 63634G); Michael Formosa (ID 178865M); Ganni Formosa (ID 8069G); Grace Zerafa (ID 30659G) f'isem l-imsiefra Gregory Buhagiar, Anita Buhagiar, Charles Buhagiar, Mary Udovicic, Vincent Buhagiar u Janet Buhagiar; Joseph Buhagiar (ID 15627G); Mary Grech (ID 34054G); Nicholas Vella (ID 6456G) f'ismu proprju u f'isem Sister Carmen Vella; Emanuel Vella (ID 4052G); Vincent Vella (ID 30053G); Nikolina Azzopardi (ID 97049G); Filomena Camenzuli (ID 66460G); Joseph Vella (ID 69857G); Gregory Formosa (ID 2457G); Mary Grima (ID 48951G); Victor Formosa (ID 53754G); Francis Xavier Formosa (ID 26562G); Emanuel Formosa (ID 68457G); Nicholas Formosa (ID 35753G); Joseph Formosa (ID 59550G); Michael Formosa (ID 960G); Grazia Formosa**

**(ID 58131G) u b'digriet tas-27 ta' Dicembru, 2012 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Gregory u Michael ahwa Formosa, stante l-mewt taghha fil-mori tal-kawza; Doreen Masini (ID 306675M); Nicholas Formosa (ID 159303L); Mary sive Maria Antonia Muscat (ID 402502L); Josephine Vella (ID 25803L); Pauline Formosa (ID 11730G); Rita Calleja (ID 21970G) f' isimha proprju u f' isem Gregoria Haber, Joe Grech u Lina sive Michelina Borg; Mary sive Miriam Borg (ID 12259G); Saverio Grech (ID4432G); Roderick Borg (ID 22285G); Frank Formosa (ID 71160G) f'ismu proprju u f'isem Miriam Galea; George Cefai (ID 9863G) f'isem Carmen Cefai u Gregory Formosa; Doris Formosa (ID 51450G) f'isimha proprju u f'isem Antoinette Cefai, Alexandra Cini u Rita Mercieca; Maria Formosa (ID 42926G); Mary Grace sive Grace Grech (ID 44757G); Rose Azzopardi (18262G) u Josephine Gauci (ID 33666G)**

**vs**

**Gregory Formosa u Avukat Dottor Joseph Grech li b'digriet tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) gie nominat biex jidher ghall-imsiefra Karmenu Formosa, Josephine sive Joyce Gauci, Tony Formosa, Marthese Borg u Patrick Formosa**

**Il-Qorti,**

Illi permezz tar-rikors guramentat l-atturi ppremettew:-

1. Illi Francesco Formosa, bin il-mejtin Michelangelo u Carmela nee' Buhagiar, imwieled u residenti Kercem, Ghawdex miet f'Victoria, Ghawdex fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u u sebgha u disghin (1997) u dan kif jidher mic-certifikat tal-mewt li kopja tieghu giet annessa mar-rikors guramentat bhala Dok A.

2. Illi l-istess Francesco Formosa miet improle u ntestat (Dok B u Dok C annessi mar-rikors guramentat) u ghalhekk is-successjoni tieghu ddevolviet fuq it-tnejn u tletin (32) neputi tieghu, (li huma wlied hutu li lkoll mietu qabel id-decuius Francesco Formosa, bl-ismijiet ta' Maria mart Vincent Buhagiar, Giuseppe Formosa, Anthony Formosa, Giorgio Formosa, Salvu Formosa u Nicola Formosa).

3. Illi dawn it-tnejn u tletin (32) neputi huma (a) ulied hu Francesco, Anthony Formosa li huma (i) Guzepp Formosa, (ii) Rita Gauci, (iii) Carmela Formosa u (iv) Felix Formosa; (b) ulied hu Francesco, Giorgio Formosa li huma (i) ulied il-mejjet Emanuel Formosa ossija Frank Formosa u Miriam Galea; (ii) Giuseppe Formosa; (iii) Carmela Micallef; (iv) Gregory Formosa; (v) Michelangelo Formosa; (vi) George Formosa u (vii) Mary Rose Pisani; (c) ulied hu Francesco, Giuseppe Formosa li huma (i) Gregory Formosa; (ii) Michael'Angelo Formosa; (iii) Francis Formosa; (iv) Dolores

Formosa u (v) Carmela Formosa; (d) ulied oht Francesco, Maria Buhagiar li huma (i) Gregory Buhagiar; (ii) Guzepp Buhagiar; (iii) Carmela Buhagiar; u (iv) ulied il-mejta Mary Anne Vella (li mietet qabel Francesco Formosa ossija fit-22 ta' Frar 1989) li huma Mary Grech, Nicholas Vella, Sister Carmen Vella, Emanuel Vella, Vincent Vella, Nikolina mart John Azzopardi,Filomena mart Laurence Camenzuli, u Joseph Vella; (e) ulied hu Francesco, Nicola Formosa li huma (i) ulied il-mejjet Giorgio Fomosa (li miet qabel Francesco Formosa ossija fid-29 ta' Awissu 1996) li huma Gregory Formosa, Mary Grima, Victor Formosa, Francis Xavier Formosa, Emanuel Formosa, Nicholas Formosa, Joseph Formosa u Michael Formosa; (ii) Grazia Formosa; (iii) Paola Grech; (iv) Maria Formosa; (v) Francesco Saverio Formosa; (vi) Joseph Formosa; (vii) Maria Antonia Formosa; (viii) Rita Formosa u (ix) Gregoria Haber; u (f) ulied hu Francesco, Salvu Formosa li huma l-konvenut Gregory Formosa, Michael'Angelo Formosa u Carmelo Formosa.

4. Illi fis-sebgha (7) ta' Jannar tal-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) miet intestat l-imsemmi Giuseppe Formosa bin il-mejjet Giorgio Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok C 1, Dok C2 u Dok C3 annessi mar-rikors guramentat) u dan wirtuh skont il-ligi hutu George, Carmela, Gregory, Michael'Angelo, Mary Rose u z-zewg ulied ta' huh il-mejjet Emanuel, li huma l-konvenuti Frank Formosa u Miriam Galea.

5. Illi fis-sitta (6) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) mietet Maria Formosa, bint il-mejjet Nicola Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok D anness mar-rikors guramentat). Hija mietet minghajr ulied u minghajr testment (Dok E u Dok F annessi mar-rikors guramentat) u l-eredita' taghha ghaddiet a favur ta' hutha Grezzja, Rita, Maria Antonia, Guzepp, Gorg, Francesco Saverio, Gregoria u Paola.

6. Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tal-elfejn u wiehed (2001) miet fl-esteru (Dok G anness mar-rikors guramentat) u minghajr testment fil-Gzejjer Maltin (Dok H u Dok I annessi mar-rikors guramentat) Gregory Buhagiar, bin il-mejta Maria Buhagiar (oht Francesco Formosa) u l-eredita' tieghu ghaddiet a favur uliedu l-esponenti Vincent, Janet, Mary, Gregory William, Charles Peter u Anita, hekk kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tal-beni tieghu ppubblikat min-Nutar Dottor Mariosa Grech fl-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) (Dok J).

7. Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) miet Michael'Angelo Formosa (Dok K anness mar-rikors guramentat), bin il-mejjet Giuseppe Formosa (li jigi hu Francesco Formosa), li rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Mariosa Grech fis-sitta (6) ta' Jannar tal-elfejn (2000) fejn nnomina lil uliedu l-esponenti Joseph, Martin, Raymond, Maria Cassar, Salvina Spiteri, Carmen Mercieca u Georgina Spiteri bhala werrieta universali tieghu filwaqt li halla bhala uzufruttwarja l-mara tieghu Mary Ann Formosa nee' Spiteri (Dok L, Dok M, u Dok N

annessi mar-rikors guramentat). Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tal-beni tieghu saret b'att ippublikat min-Nutar Dottor Mariosa Grech fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u wahda (2001) (Dok O anness ukoll mar-rikors guramentat).

8. Illi fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) mietet Paola mart Saverio Grech u bint il-mejjet Nicola Formosa (Dok P anness mar-rikors guramentat). Hija rregolat is-successjoni taghha b'testment unica charta ppublikat min-Nutar Dottor Paul George Pisani fid-dsatax (19) ta' Awissu tal-elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) (Dok Q, Dok R u Dok S annessi mar-rikors guramentat) li permezz tieghu nnominat bhala werrieta universali tal-beni taghha lil erba' uliedha Michelina sive Lina mart Mario Borg, Joseph, Maria sive Miriam mart Joseph Borg, Joe u Rita mart Michael Calleja kif ukoll halliet lil zewgha Saverio Grech bhala uzufruttwarju.

9. Illi fit-tlettax (13) t'Ottubru tal-elfejn u tlieta (2003), miet Francesco Saverio Formosa, bin il-mejjet Nicola Formosa (Dok T anness mar-rikors guramentat). Huwa rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani datat il-hamsa (5) ta' Settembru elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) li permezz tieghu nnomina bhala werrieta universali tal-beni tieghu lit-tliet uliedu Nicholas, Mary sive Maria Antonia Muscat u Josephine Vella filwaqt li halla bhala uzufruttwarja tal-beni tieghu lil martu Pauline Formosa (Dok U, Dok V u Dok W annessi mar-rikors guramentat). Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tal-beni tieghu saret b'att ippublikat min-Nutar Dottor Mariosa Grech fis-sitta (6) t'April tal-elfejn u erbgha (2004) (Dok W1 anness mar-rikors guramentat).

10. Illi fl-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) mietet Carmela Formosa, bint il-mejjet Giuseppe Formosa (Dok W2 anness mar-rikors guramentat). Din irregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani datat hdax (11) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995) li permezz tieghu nnominat bhala eredi universali tal-beni taghha kollha lill-ghaxar (10) neputijiet taghha, ossija l-esponenti Joseph Formosa, Maria mart Michael Cassar, Raymond Formosa, Salvina mart Michaelangelo Spiteri, Martin Formosa, Georgia mart Gorg Spiteri, Carmen mart Giovanni Mercieca, Michael Sammut, John Sammut u Josephine mart Lucio Sammut filwaqt li halliet bhala uzufruttwarju lil huh Gregory Formosa u lil Dolores Formosa (illum mejta) (Dok W3, Dok W4 u Dok W 5 annessi mar-rikors guramentat).

11. Illi fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), mietet Mary Rose Pisani, bint il-mejjet Giorgio Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok X anness mar-rikors guramentat). Hija rregolat is-successjoni taghha b'testment ippublikat min-Nutar Dottor Michael Refalo fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) li

permezz tieghu nnominat bhala werriet universali tal-beni taghha lin-Nutar Dottor Paul George Pisani (Dok X 1, Dok X2 u Dok X3 annessi mar-rikors guramentat).

12. Illi fid-disgha (9) ta′ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), miet Joseph Formosa, bin il-mejjet Nicola Formosa (Dok Y anness mar-rikors guramentat). Huwa rregola s-successjoni tieghu b′testment unica charta fl-atti tan-nutar Dottor Silvio Hili datat l-ghaxra (10) ta′ Gunju tal-elfejn (2000) fejn innomina bhala l-unika werrieta universali tal-beni tieghu bintu Doreen mart Ian John Masini (Dok Y 1, Dok Y2 u Dok Y3 annessi mar-rikors guramentat).

13. Illi fis-sbatax (17) ta′ Novembru tal-elfejn u sitta (2006) mietet Maria Antonia Formosa, bint il-mejjet Nicola Formosa (Dok Z anness mar-rikors guramentat), li rregolat is-successjoni taghha permezz ta′ testment ippublikat minn Nutar Dottor Paul George Pisani fid-disgha (9) ta′ Jannar tal-elfejn u wiehed (2001) fejn innominat bhala uniku eredi universali tal-beni taghha kollha lil Roderick Borg (Dok Z1, Dok Z2 u Dok Z3 annessi mar-rikors guramentat).

14. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta′ Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) miet intestat Francesco Formosa, bin il-mejjet Giuseppe Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok AA anness mar-rikors guramentat) u l-eredita′ tieghu ddevolviet in kwantu ghal nofs indiviz (1/2) fuq l-armla tieghu Salvina Formosa u n-nofs (1/2) indiviz l-iehor fuq it-tliet uliedu Josette Sammut, Michael Formosa u Ganni Formosa (Dok AA1 u Dok AA2 annessi mar-rikors guramentat).

15. Illi fl-erbgha (4) ta′ Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) mietet Rita Formosa, bint il-mejjet Nicola Formosa (Dok BB anness mar-rikors guramentat) u s-successjoni taghha ddevolviet fuq l-esponenti Gregory Formosa u Michael Formosa, ulied huha George ai termini tat-testment ippublikat min-Nutar Dottor Josianne Mifsud datat l-ghaxra (10) ta′ April tas-sena elfejn u sebgha (2007) (Dok BB1, Dok BB2 u Dok BB 3 annessi mar-rikors guramentat).

16. Illi fl-ewwel (1) ta′ Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) mietet Dolores Formosa, bint il-mejjet Giuseppe Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok CC anness mar-rikors guramentat). Hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta′ testment li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Mariosa Grech datat tnejn u ghoxrin (22) ta′ Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) li permezz tieghu nnominat bhala uniku werriet universali tal-beni taghha kollha lil huha Gregrory Formosa (Dok CC1, Dok CC2 u Dok CC3 annessi mar-rikors guramentat).

17. Illi fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) mietet Carmela Buhagiar, xebba bint il-mejta Maria Buhagiar nee' Formosa (li tigi oht Francesco Formosa) (Dok DD anness mar-rikors guramentat). Hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti li saru fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo datati erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (1987) u dak ta' l-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) li permezz taghhom nnominat bhala unika werrieta universali tal-beni taghha kollha lin-neputija taghha Maria, bint Luigi u ohtha Marianna nee' Buhagiar (Dok DD1, Dok DD2; Dok DD3 u Dok DD4 annessi mar-rikors guramentat).

18. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) miet Giuseppe Formosa, bin il-mejjet Anthony Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok EE anness mar-rikors guramentat). Huwa rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Mariosa Grech datat sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) permezz tieghu nnomina bhala werrieta universali tal-beni tieghu wliedu kollha li huma Gregory, Rita mart Mario Mercieca, Doris, Carmela mart Francis Cefai, Grace mart Anthony Grech, Antoinette mart Michael Cefai, Rose mart John Azzopardi, Alexandra mart Francis Cini u Josianne mart Eddie Gauci filwaqt li halla lil martu Maria Formosa bhala uzufruttwarja tal-beni kollha tieghu. (Dok EE1, Dok EE2 u Dok EE3 annessi mar-rikors guramentat).

19. Illi konsegwenti ghall-mewt ta' Francesco Formosa, il-kontendenti jew l-awturi taghhom lahqu ftehim dwar wahda mill-beni formanti parti mill-assi ereditarji ta' Francesco Formosa, billi l-atturi u whud mill-konvenuti bieghu s-sehem spettanti lilhom mill-istess proprjeta' lill-iben il-konvenut Gregory Formosa u martu. Izda issa l-konvenuti m'humiex jaqblu dwar il-mod kif ghandhom jinqasmu l-bqija tal-effetti ereditarji ta' Francesco Formosa.

20. Illi l-atturi ma jridux li jibqghu fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti rigward l-assi ereditarji ta' Francesco Formosa u jridu ghalhekk li jigu maqsuma bejniethom l-eredita' fuq imsemmija.

21. Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet, uhud mill-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jaddivjenu ghall-qasma bonarja, filwaqt li ohrajn minnhom baqghu ma wegibux ghall-istess interpellazzjonijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti talbu li din il-Qorti joghgobha:-

i. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Francesco Formosa u tiddikjara li dawn jikkonsistu b' dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

ii. Tiddividi dawn l-istess beni kollha bejn il-kontendenti skont is-sehem rispettiv taghhom devolut fuqhom ai termini tal-ligi u dan ad opera ta' perit jew periti li jigu mahtura ghal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti;

iii. Tahtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum, hin u lok ghall-publikazzjoni ta' l-opportun att ta' divizjoni ta' l-assi ereditarji hekk rizultanti bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

iv. Fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni m'humiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni ta' l-istess beni (u b'digriet tal-21 ta' Mejju, 2014 zdiedu l-kliem 'bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei') sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fi kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali spediti f' April 2010 u fi Frar 2011 kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut Gregory Formosa fir-risposta guramentata taghha eccepixxa kif isegwi:-

1. Illi l-eccipjenti m'ghandu ebda oggezzjoni ghad-divizjoni basta li ssir l-verifikazzjoni tal-kwoti u l-konsistenza tal-assi. Infatti l-eccipjenti jippretendi li r-raba ta' 'Ghar Gherduf' sive 'tal-Legx' fil-limti ta' Kercem, Ghawdex ma tifformax parti mill-eredita tal-mejjet Francesco Formosa u ghalhekk m'ghandiex tigi nkluz fid-divizjoni.

   Salvi eccezzjonijiet ulterjuri[1].

Rat illi l-konvenut Dottor Joseph Grech noe eccepixxa kif isegwi:

1. Illi huwa gie nominat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' Marzu, 2011 sabiex jirraprezenta lill-imsiefrin Karmenu Formosa, Joseph sive Joyce Gauci, Tony Formosa, Marthese Borg u Patrick Formosa;

2. Illi l-esponenti ghadu ma huwiex edott mill-fatt tal-kaz;

[1] Fol. 206 tal-process.

3. Illi madanakollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skont il-ligi[2].

Rat illi l-konvenut Gregory Formosa pprezenta risposta ulterjuri wara li gie debitament awtorizzat permezz ta' digriet datat 8 ta' Mejju, 2012 kif isegwi:

Illi r-raba "tal-Laqx" fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex huwa proprjeta' assoluta tieghu, peress li giet akkwistata minnu b'titolu ta' preskrizzjoni akkwisittiva.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.[3]

F'dak l-istadju l-Qorti rriservat li tipprovdi dwar l-ispejjez tar-rikors relatat ma' din l-eccezzjoni fis-sentenza finali.

Rat id-decizjoni preliminari ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 5 ta' Lulju, 2013 fejn giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni tal-konvenut Gregory Formosa, bl-ispejjez a karigu tieghu u giet ordnata l-prosegwiment tal-kawza[4].

Rat l-atti, il-provi, ix-xhieda u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Shawn Micallef li permezz tieghu vvaluta l-proprjetjiet in divizjoni tenut kont ukoll illi uhud mir-raba huma bi qbiela a favur terzi.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

F'din il-kawza qieghed jintalab il-qsim tal-wirt ta' **Francesco Formosa** li miet fit-22 ta' Settembru 1997. Huwa miet improle u ntestat. L-atturi jsostnu li huma kellhom jaslu sal-

[2] Fol. 208 tal-process.
[3] Fol. 224 tal-process.
[4] Fol. 429 tal-process.

punt li jifthu din il-kawza stante li l-konvenut Gregory Formosa naqas milli jaddivjeni ghall-qasma bonarja nonostante li gie debitament interpellat filwaqt li l-konvenuti l-ohra li jinsabu msefrin ma wegbux ghall-interpellazzjonijiet.

Illi l-konvenut Gregory Formosa m'oggezzjonax ghal-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Francesco Formosa bejn il-partijiet kollha salv illi ssir il-verifikazzjoni tal-kwoti u l-konsistenza tal-assi stante li skont hu l-assi ndikati mill-atturi mhux kollha kienu proprjeta' tal-wirt in kwistjoni. Jirrizulta li l-verifikazzjoni tal-kwoti kienet gia saret qabel ma giet intavolata l-kawza u dan stante li l-partijiet bejniethom kienu gia bieghu proprjeta' wahda mill-assi tad-decujus u ma kien hemm l-ebda problema fir-rigward tal-kwoti. Tant hu hekk li lanqas fil-mori tal-kawza bl-ebda mod ma gew ikkontestati l-kwoti ndikati mill-atturi. Minn naha l-ohra l-kwistjoni dwar il-konsistenza tal-assi giet deciza fil-5 ta' Lulju, 2013 fejn gie dikjarat illi z-zewg porzjonijiet raba' tal-'Laqx' limiti ta' Kercem ghandhom fil-fatt ikunu nkluzi fl-assi ereditarji tal-mejjet Francesco Formosa.

Illi l-partijiet qablu li jigi nominat Perit Tekniku sabiex jivvaluta l-assi tad-decujus in divizjoni u fil-fatt gie nominat il-Perit Tekniku Shawn Micallef. Illi l-partijiet fir-redazzjoni tar-rapport tal-Perit Tekniku Shawn Micallef qablu fuq il-lista tal-propjeta' formanti parti l-eredita' tal-mejjet Francesco Formosa liema lista fuq kollox hija wkoll riflessa fid-dikjarazzjoni Causa Mortis iffirmata mill-istess konvenut Gregory Formosa datat 7 ta' Jannar, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Silvio Hili[5];

Illi ghalkemm konsegwenti ghar-rapport tal-Perit Tekniku Shawn Micallef Dr. Simone Grech intavolat talba ghan-nomina ta' periti perizjuri, fil-verbal tas-6 ta' Gunju, 2014 Dr. Simone Grech ma nsistitx aktar fuq it-talba anzi talbet li l-kawza tmur ghas-sentenza b'dana illi jekk huwa leglament possibbli fis-sentenza jinghata terminu fejn il-proprjetajiet jinbieghu fis-suq bil-prezzijiet indikati fir-rapport tal-perit tekniku u fin-nuqqas li jsir tali bejgh fit-terminu hekk stipulat il-proprjetajiet jghaddu biex jinbieghu b'lictiazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei. Rat illi l-konvenuti tramite l-konsulenti legali taghhom opponew ghal din it-talba stante li skont huma hija talba gdida u tezorbita l-parametri tal-kawza odjerna.

Illi jirrizulta li hadd mill-partijiet tul il-proceduri ma kkontesta l-lista tal-kwoti rispettivi tal-partijiet esebita a fol. 210 u 211 tal-process. Izda wiehed irid jiehu kont li konsegwenti ghall-intavolar ta' dik il-lista li hija datata 23 ta' Jannar, 2012 gew neqsin:

1. L-attur George Formosa u li permezz ta' digriet tat-12 ta' Mejju, 2014 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Gregory Formosa, Edwin Formosa, Joanne mart Anthony

5 Ara fol. 369.

Sultara u George Formosa, lkoll ahwa Formosa fil-kwalita' taghhom bhala eredi f'ishma ugwali tal-istess George Formosa;

2. L-attrici Grazia Formosa u li permezz ta' digriet tas-27 ta' Dicembru, 2012 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Gregory u Michael ahwa Formosa fil-kwalita taghhom bhala eredi f'ishma ugwali tal-istess Grazia Formosa.

**Assi ta' Francesco Formosa**

Illi mill-atti jirrizulta li l-assi ta' Francesco Formosa u li huma l-proprjetajiet in divizjoni f'din il-kawza flimkien mal-valuri taghhom huma dawk li jsegwu:

1. Porzjon art imsejha Ta' Qgiega ta' Fuq, fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex tal-kejl ta' cirka tliet mija u tlieta u ghoxrin punt decimali erbgha metri kwadri (323.4m.k.) indikata bin-numru (2) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 371 tal-process u fir-rapport tal-Perit bhala numru 2. a fol. 462 tal-process;

Fir-rapport tal-Perit Tekniku din il-proprjeta' giet stmata fil-valur ta' tlett elef euro (€3,000).

2. Porzjon art imsejha Tal-Ghajn, fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mitejn u hdax-il metru kwadru (211m.k.) indikata bin-numru (3) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 371 tal-process u fir-rapport tal-Perit bhala numru 3. a fol. 462 tal-process;

Fir-rapport tal-Perit Tekniku din il-proprjeta' giet stmata fil-valur ta' elfejn u mitejn euro (€2,200).

3. Porzjon art imsejha Tal-Ghajn, fil-limiti tal-Munxar, tal-kejl ta' cirka tliet mija u tlieta u sittin metri kwadri (363m.k.) indikata bin-numru (4) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 371 tal-process u fir-rapport tal-Perit bhala numru 4. a fol. 463 tal-process;

Fir-rapport tal-Perit Tekniku din il-proprjeta' giet stmata fil-valur ta' tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600).

4. Settima parti (1/7) indiviza minn Porzjon art imsejha Tal-Ghajn, fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex, tal-kejl ta' circa hames mija u tmienja u erbghin metri kwadri (548m.k.) indikata bin-numru (5) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 371 tal-process u fir-rapport tal-Perit bin-numru 5. A fol. 463 u 464 tal-process. Il-Qorti tinnota li nonostante li l-partijiet ghandhom settima parti biss minn din il-proprjeta' il-Perit ta stima tal-proprjeta kollha u taghmilha cara li hija din is-settima parti biss u l-valur pro rata taghha li hija nkluza f'din il-kawza;

Fir-rapport tal-Perit Tekniku l-valur shih tal-proprjeta' giet stmata fil-valur ta' hamest elef u hames mitt ewro (€5,500) ghalhekk il-valur ta' settima parti huwa ta' seba' mija u hamsa u tmenin euro u wiehed u sebghin centezmu (€785.71);

5. Porzjon art imsejha Tal-Laqx, fil-limiti ta' Kercem , Ghawdex, tal-kelj ta' cirka mija u sebgha u ghoxrin punt decimali erbgha metri kwadri (127.4m.k.) indikata bin-numru (6) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 372 tal-process u fir-rapport tal-Perit bin-numru 6. a fol. 464 u 465 tal-process;

Fir-rapport tal-Perit Tekniku l-valur tal-proprjeta' gie stmat ghas-somma ta' tletin elf Euro (€30,000);

6. Porzjon art imsejha Tal-Laqx, fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u tnejn u disghin punt decimali tnejn metri kwadri (292.2m.k.) indikata bin-numru (7) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 372 tal-process u fir-rapport tal-Perit bin-numru 7. a fol. 465 tal-process;

Fir-rapport tal-Perit Tekniku din il-proprjeta' gie stmata ghas-somma ta' mija u sebghin elf ewro (€170,000);

7. Porzjon art imsejha tat-Tenewt, fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mija u tnejn u tmenin punt decimali sitta metri kwadri (182.6m.k.) indikata bin-numru (8) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 372 tal-process u fir-rapport tal-Perit bin-numru 8. a fol. 465 tal-process;

Fir-rapport tal-Perit din il-proprjeta' giet stmata fil-valur ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800);

8. Settima parti (1/7) indiviza minn porzjon art imsejha Ta' Mira, fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex tal-kejl ta' cirka tliet mija u tlieta u ghoxrin punt decimali tmienja metri kwadri (323.8m.k.), indikata bin-numru (9) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 372 tal-process u fir-rapport tal-Perit bin-numru 9. a fol. 466 tal-process. Il-Qorti tinnota li nonostante li l-partijiet ghandhom settima parti biss minn din il-proprjeta' il-Perit ta stima tal-proprjeta kollha u taghmilha cara li hija din is-settima parti biss u l-valur pro rata taghha li hija nkluza f'din il-kawza;

Fir-rapport tal-Perit Tekniku l-valur shih tal-proprjeta' giet stmat fil-valur ta' tlett elef u mitejn euro (€3,200) ghalhekk il-valur ta' settima parti huwa ta' erba' mija u sebgha u hamsin euro u erbatax-il centezmu (€457.14);

9. Settima parti (1/7) indiviza mnn porzjon art imsejha Tal-Wardija, fil-limiti ta' San Lawrenza, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u tnejn u erbghin punt decimali tlieta metri kwadri (142.3m.k.) indikata bin-numru (10) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 372 tal-process u fir-rapport tal-Perit bin-numru 10 a fol. 466 tal-process. Il-Qorti anki f'dan il-kaz tinnota li nonostante li l-partijiet ghandhom settima parti biss minn din il-proprjeta' il-Perit ta stima tal-proprjeta' kollha u taghmilha cara li hija din is-settima parti biss u l-valur pro rata taghha li hija nkluza f'din il-kawza;

Fir-rapport tal-Perit Tekniku l-valur shih tal-proprjeta' gie stmat fil-valur ta' elf u hames mitt Euro (€1,500)) ghalhekk il-valur ta' settima parti huwa ta' mitejn u erbatax-il euro u disgha u ghoxrin centezmu (€214.29);

10. Settima parti (1/7) indiviza minn porzjon art imsejha Tal-Wardija, fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex, tal-kejl ta cirka sebgha u disghin punt decimali tmienja metri kwadri (97.8m.k.) indikata bin-numru (11) fid-dikjarazzjoni Causa Mortis a fol. 372 tal-process u fir-rapport tal-Perit bin-numru 11. a fol. 467 tal-process. Anki f'dan il-kaz, il-Qorti tinnota li nonostante li l-partijiet ghandhom settima parti biss minn din il-proprjeta' il-Perit ta stima tal-proprjeta' kollha u taghmilha cara li hija din is-settima parti biss u l-valur pro rata taghha li hija nkluza f'din il-kawza;

Fir-rapport tal-Perit Tekniku l-valur shih tal-proprjeta' giet stmata fil-valur ta' elf ewro (€1,000) ghalhekk il-valur ta' settima parti huwa ta' mija u tnejn u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€142.86);

**<u>Eskluza mid-divizjoni</u>**

Illi a skans ta' kull ekwivoku, irrizulta car lil din il-Qorti illi l-proprjeta' cioe' id-dar tar-residenza tad-decujus bin-numru sitta u sittin (66), fi Triq Xuxa, Kercem, Ghawdex kienet inbieghet mill-partijiet kif jindika il-kuntratt tat-tnejn (2) ta' Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Dr. Mariosa Grech u li jinsab a fol. 355 tal-process u ghaldaqstant ma tifformax parti mill-assi ghad-divizjoni.

**<u>Dwar jekk il-proprjetajiet humiex komodament divisibbli</u>**

Jirrizulta kemm mill-atti kollha, kemm mis-sottomissjonijiet tal-partijiet, mir-rapport tal-Perit Shawn Micallef, kif ukoll in vista tan-numru konsiderevoli ta' kwoti ferm diversi tal-partijiet u stante li huma principalment zewg assi mill-proprjetajiet kollha li ghandhom valur gholi illi huwa evidenti li l-proprjetajiet mhumiex kommodament divizibbli bejn il-partijiet. Ghaldaqstant qed jigi dikjarat illi l-beni m'humiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti.

**<u>Sehem il-partijiet</u>**

Illi ghal dak li huwa s-sehem rispettiv ta' kull parti stante li jirrizulta li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kwoti kif indikati fin-nota a fol. 210 u 211 tal-process, il-Qorti qed taddotta l-istess nota bhala formanti parti minn din id-decizjoni u tiddikjara li s-sehem rispettiv ta' kull parti huwa dak dikjarat fl-istess nota bil-varjazzjoni izda:

(i) tas-sehem indikat bl-ittra s. u li kien isejjah lil Grazia Formosa, bint Nikola stante l-mewt taghha fil-mori tal-proceduri u tordna li s-sehem taghha ta' 9/256 ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn l-atturi Gregory u Michael ahwa Formosa;

(ii) tas-sehem indikat bl-ittra k. u li kien isejjah lil George Formosa stante l-mewt tieghu fil-mori tal-proceduri u tordna li s-sehem tieghu ta' 7/192 ghandu jinqasam b'mod ugwali bejn l-atturi Gregory Formosa, Edwin Formosa, Joanne mart Anthony Sultana u George Formosa, ilkoll ahwa Formosa.

**Dwar it-talba tal-atturi sabiex jinghata terminu fejn il-proprjetajiet jinbieghu fis-suq bil-prezzijiet indikati fir-rapport tal-perit tekniku.**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tas-6 ta' Gunju, 2014 fejn l-atturi talbu illi fis-sentenza jinghata terminu fejn il-prorpjetajiet jinbieghu fis-suq bil-prezzijiet indikati fir-rapport tal-perit tekniku u fin-nuqqas li jsir tali bejgh fit-terminu hekk stipulat il-proprjetajiet jghaddu biex jinbieghu b'licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei.

Fl-istess verbal id-difensuri tal-konvenuti oggezzjonaw ghat-talba ghar-raguni li hija talba gdida u tezorbita l-parametri tal-kawza odjerna li hija kawza ghad-divizjoni u li l-bejgh bil-licitazzjoni huwa l-element estrem fejn il-proprjeta' tirrizulta mhix kommodament divizibbli.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 518 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn f'sub-artikolu (2) jinghad illi ghalkemm il-licitazzjoni tkun giet ordnata b'sentenza, il-partijiet jistghu jiftehmu illi jaghmluha xort'ohra minn kif isir il-bejgh fl-irkant bil-qorti u f'dak il-kaz japplika dak indikat fis-sub-artikolu 518 (1) cioe' illi ma hija mehtiega l-ebda formalita' u li tista' ssir bil-mezz ta' kull persuna u b'dak il-mod li l-komproprjetarji jaghzlu, izda f'dak il-kaz m'hemmx bejgh sakemm l-aqwa offerta ma tigix accetata u, sakemm, fil-kaz li l-licitiazzjoni hija dwar immobbli, ma jsirx il-kuntratt b'att pubbliku.

Illi dan l-artikolu jirrikjedi l-kunsens tal-partijiet kollha u ghaldaqstant stante l-opposizzjoni da parti tal-konvenuti, din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-atturi sabiex jinghata terminu fejn il-proprjetajiet jinbieghu fis-suq bil-prezzijiet indikati fir-rapport tal-perit tekniku, salv izda u mpregudikat id-drittijiet tal-partijiet ai termini tal-artikolu 518 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz li jkun hemm ftehim bejn il-partijiet kollha.

**Spejjez tal-kawza:**

Illi mill-atti kollha tal-kawza u mix-xhieda migbura b'mod specjali:

(i) ix-xhieda tal-istess konvenut Gregory Formosa[6] fejn f'partijiet mix-xhieda tieghu huwa jghid li kien akkwista parti mill-proprjeta' cioe' zewg bicciet raba maghrufa bhala 'tal-Laqx' permezz tal-preskrizzjoni filwaqt li fl-istess nifs u b'kontradizzjoni assoluta pretenda li l-istess proprjeta' issir tieghu minhabba servigi rezi lid-decujus;

(ii) id-diversi ittri nterpellatorji mibghuta mill-atturi lill-konvenut Gregory Formosa;

Din il-Qorti hija tal-fehma li kien biss rizultat ta' pika da parti tal-istess konvenut Gregory Formosa li l-partijiet kellhom jaslu sa dan l-istadju sabiex kull parti tiehu dak li haqqha u dan ghaliex fi kliemu stess 'qed naqbel illi mir-raba kollu li hemm ghad-divizjoni, fil-fatt din hija l-iktar raba illi tiswa'[7]. Il-Qorti temmen ukoll li l-konvenuti l-ohra, stante n-nuqqas

---

[6] Ara fol 235 sa 237 tal-process.
[7] Ara for. 236 l-ahhar paragrafu.

taghhom mill-Gzejjer Maltin, ma kkontribwewx b'mod volontarju ghan-nuqqas ta' ftehim dwar l-istess divizjoni.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:**

1. tillikwida l-assi ereditarji ta' Francesco Formosa billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi li huma elenkati minn 1 sa 10 taht is-subtitolu 'Assi ta' Francesco Formosa';

2. tiddikjara illi l-assi tad-decujus m'humiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti ghar-ragunijet moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni;

3. stante illi jirrizulta li l-assi mhumiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti tichad it-tieni u t-tielet talba;

4. tordna l-licitazzjoni tal-assi kollha elenkati minn 1 sa 10 taht is-subtitolu 'Assi ta' Francesco Formosa' bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fi kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad taht it-titolu 'Sehem il-partijiet'. Ai fini ta' valutazzjoni tal-immobbli dawn ghandhom jibdew bil-prezz skont il-valuri ndikati taht is-subtitolu 'Assi ta' Francesco Formosa' u li jirriflettu l-valuri moghtija mill-Perit Tekniku;

Ghar-ragunijiet indikati aktar 'il fuq l-ispejjez kollha tal-kawza kif ukoll ta' l-ittri ufficjali spediti f'April, 2010 u fi Frar 2011 ghandhom jigu sofferti mill-konvenut Gregory Formosa filwaqt li l-ispejjez tal-bejgh b'licitazzjoni, ghandhom jinqasmu skont is-sehem tal-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------